MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Avviz Numru. 10/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance insurance Plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta Manufacturing & Industrial Services Limited u b'nota tas-6 ta' Mejju 2004 Elmo Insurance Limited bhala azzjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat**

**V**

**The Cargo Handling Co. Ltd**

Il-Qorti:-

Rat li s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din l-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine ihallasha in linea ta' Danni is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) li sborsat bhala indennizz a favur tas-assikurat taghha s-socjeta Manufacturing & Industrial Services Limited wara li bejn l-4 ta' Ottubru

2001 u l-10 ta’ Ottubru 2001 din garrbet in-nuqqas ta’ erba’ “*elephant feet*” (teknikament maghrufa bhala “*outrigger jack-up slippers*) u li kienu mmuntati ma crane tal-marka “*Coles”* li kellu jigi esportat u li kien fil-kura u kustodja tas-socjeta konvenuta – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan in-nuqqas kienet unikament responsabbli s-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 65 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta attrici li tipprova li l-allegati nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija de quo kienet taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta eccipjenti u li l-istess merkanzija giet konsenjata lilha minghajr l-istess nuqqasijiet.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi.

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ikkunsidrat:-

**Joseph Axiaq** prodott mis-socjeta attrici xehed nhar id-19 ta' Gunju 2003 u qal illi huwa impjegat tas-socjeta Manufacturing and Industrial Services Limited li tiehu hsieb negozju billi ggib "*heavy machinery"* bhal gaffef u '*fork lifts'* mill-Libya isewwieh hawn Malta u terga tibghatu lura.

Jiftakar li kienu gabu crane tal-marka "Cole" zarmawh, irrangawh, armawh mill-gdid u lestewh biex imur lura il-Libya u qabel ma kien lest biex jitlaq gie spezzjonat minn Ingineer tal-klijenti taghhom. Huma imbaghad f'Ottubru 2001 qabdu kuntrattur certu Emmanuel Vella biex jittrasporta dan il-'*crane*' mill-'*premises'* tal-kumpanija minnu rapprezentata gewwa Hal Far u nizluh ix-Xatt biex jitghabba abbord vapur sabiex imur lejn il-Libya. Stqarr li dan il-'*crane*' huwa maghruf bl-isem 'Elephant Feet'. Qal li suppost dan il-'*crane*' ghandu hames saqajn izda sussegwentement innotaw li kienu insterqulu erbgha minnhom. Stqarr li l-'*crane*' telaq minghandhom b'hames saqajn f'posthom.

Spjega illi meta tqabbad il-kuntrattur, dan tella' l-'*crane*' fuq trailer peress li l-'*crane*' ma jkunx licenzjat biex jkun fit-toroq ta' Malta. Qal li meta l-kuntrattur jiehu dawn l-oggetti ix-Xatt dawn imbaghad jaqghu taht ir-responsabilita tal-Cargo Handling. Dak in-nhar li l-kuntrattur nizel ix-Xatt il-vapur kien ghadu ma wasalx Malta u ghalhekk halla it-trailer bil-'*crane*' fuqu x-Xatt u nizel l-ghada filghodu biex itella' it-trailer bil-'*crane*' fuq il-vapur.

Meta il-kuntrattur nizel ix-xatt l-ghada minnufih cempel lis-socjeta attrici biex jinfurmaha li l-erba' 'Elephant Feet' tal-'crane' kienu gew misruqa. Huwa ghalhekk abbazi ta' dan ir-rapport nizel ix-Xatt flimkien ma kollega tieghu certu leslie Smith u kkonferma r-rapport li sarlu. Huma ghalhekk irraportaw il-kaz lis-socjeta konvenuta The Cargo Handling.

Huma talbu konferma minghand il-kuntratturi taghhom dwar dan in-nuqqas u fil-fatt l-istess kuntratturi baghtulhom ittra li giet esebita u markata bhala dokument

JA1 li kien fiha dikjarazzjoni mid-drivers tat-‘*trailer*’ u cioe Emmanuel Barara u Victor Felice li kienu ghabbew l-‘*crane’ u* kkonfermaw li l-‘Cole crane’ in kwistjoni kellu l-‘*Elephant Feet’* tieghu mwahla meta dahal ix-Xatt.

Spjega ulterjorment illi fit-12 ta’ Ottubru 2001 huma kitbu s-socjeta konvenuta The Cargo Handling fejn zammewhom responsabbli ghan-nuqqas in kwistjoni u dan skond l-ittra li esebixxa u li giet immarkata bhala Dok. JA2. Nhar il-25 ta’ Ottubru 2001 is-socjeta konvenuta The Cargo Handling irrispondoethom u qaltilhom illi meta l-‘crane’ wasal fil-pusess taghhm dawn l-erbgha ‘*Elephant feet’* kienu diga neqsin, u dan skond kif irrisultalhom mid-dokument li esebixxa u li gie mmarkat bhala Dok. JA3. Huwa esebixxa ukoll ittra ohra markata bhala Dok. JA4 fejn huma gew infurmati minghand is-shipping Agents Sullivan Shipping li kienu infurmawhom illi kienu nnotaw illi dawn is-‘*slippers*’, Maghrufa ukoll bhala ‘Elephant Feet’ kienu neqsin.

Qal illi huma kienu assikurati mas-socjeta Elmo Insurance Agency a bazi ta’ liema assikurazzjoni ghamlu l-‘*claim*’ relattiva, u cioe sabiex ikollhom ‘*replacement*’ ta’ dawn l-erbgha ‘*Elephant Feet’ u l-’pins’ ta’ madwarhom* biex izommuhom fil-post. Huwa esebixxa zewg ricevuti markati bhala dok JA5 u JA6 li jindikiaw l-affarijiet li ta spare parts li kienu inxtraw mis-socjeta attrici sabiex tghamel it-tiswija necessarja f’dan il-‘crane’. Inkluzi f’din il-lista ta’ *spare parts* hemm dawn l-*’Elephant Feet’ u l-‘pins’* relattivi li huma *highlighted* bl-isfar. Jirrisulta minn ezami ta dawn id-dokumenti li s-socjeta atttrici kienet halest is-somma ta’ hamest elef u mitt lira maltin (LM5,100) ghal dawn l-ispare parts u in effetti huma kienu gew rimborsati minghand is-socjeta assikuratrici taghhom ghal dan l-ammont u fil-fatt huma suusegwentment issurrogawhom fid-drittijiet taghhom skond id-Dok. markat JA7 datat 5 ta’ Frar 2002.

In kontro-ezami nhar id-29 ta’ Jannar 2004 riprodott mill-istess atturi x-xhud Axiaq esebixxa dokument li gie market bhala Dok. X1 li huwa disinn ta’ dawn l-‘*Elephant Feet’,* u ex admissis jispjega “ mhiex is-sieq kollha izda il-bicca ta’

taht il-galletta li gew misruqa.” Esebixxa ukoll dokument iehor li gie markat bhala dokument X2 li huwa ritratt illi juri kif din il-galletta tkun qieghda imwahla mal-‘crane’. Spjega li l-*crane* jkollu hamsa minn dawn izda wahda minnhom ma tantx hi accessibli ghaliex tkun imwahla taht il-*crane*. Spjega li dawn jitwahhlu permezz ta’ *pin* li huwa ukoll muri fl-istess Dok X1 u ghal darb ohra kkonferma li minghandhom dan il-‘crane’ hareg b’dawn l-‘Elephant Feet’.

Meta gie muri r-ricevuta Dok. JA5 tal-ispares mixtrija qal illi din tirreferi ghall-galletti u ghall-pins li twahhlhu mas-sieq. Qal li wara is-*service* li ghamlu fuq dan il-*crane* dan hareg qisu gdid minghandhom. Qal li huma mbaghad kienu ser jixxipjawh bhala unit wiehed wara li rapprezentant tal-kumpanija importatrici tispezzjonah. Izda mid-data tal-ispezzjoni sakemm jigi xippjat tghaddi kwazi xahar u dan ghaliex l-ewwel iridu jithalsu ta’ xoghlhom.

**Victor Felice** prodott mill-atturi xehed nhar id-29 ta’ Ottubru 2003 u spjega illi huwa jahdem mal-burdnara Emmanuel Vella & Sons u fost il-klijenti taghhom hemm is-socjeta Manufacturing & Industrial Serives Limited. Spjega li di solita humaigorru l-makkinjaru ghal din l-istess socjeta. F’dan il-kaz jiftakar li huwa kien garr ‘*fork lifter’* filwaqt li siehbu kien garr ‘*crane’* fuq truck iehor minn gewwa Hal Far. Qal li kien prezenti meta tghabba l-‘*crane’* minn fuq il-post. Stqar pero li ma tax kaz jekk dan il-*crane* kellux xi affarijiet neqsin ghalkemm deher normali, l-‘*Elephant Feet’* ma rahomx. Jiftakar li plattini ma rax izda ra l-erba’ ‘*outriggers*’.

Huwa gie muri d-dikjarazzjoni li kien iffirma esebita fl-atti u markata bhala Dok JM1 u kkonfermha fl-intier taghha u cioe li meta dahlu l-‘*crane’* fid-dwana dan kien munit bl-erba’ ‘*outriggers*’ kompluti. Stqar li s-sid ta’ din il-merkanzija kof ukoll rappresentant tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling kienu fuq il-post. Qal ukoll li s-sid ma jafux ghalkemm ghandu accent ingliz u jaf li ffirmalu d-dokumenti li kellu.

In kontro-ezami stqarr illi l-plattini huma importanti sabiex isserrah il-‘*crane’.* Qal li mhumiex importanti biex iggorr il-*crane* izda biex isserhu. Ikkonferma pero li ma rahomx imwahla mal-‘*outriggers’.*

**Gordon Galea** impjegat bhala Operations Manager mas-socjeta Sullivan Shipping, prodott mill-attur , xehed nhar id-29 ta’ Ottubru 2003. Qal li fil-kaz in kwistjoni is-socjeta tieghu kienet l-agent tas-socjeta Manufacturing & Industrial Services Limited u l-inkarigu taghhom kien li jgorrulhom makkinarju lejn il-Libja fuq vapur minnhom rapprezentant. Spjega pero li huma ukoll agenti tal-vapur li kellu jghabbi dan il-makkinarju.

Jiftakar li kellhom igorru ‘crane’ tal-ghamla Coles u l-mudell tieghu kien 1820. Spjega li x-xoghol taghhom jibda appena jerfghu l-makkinarju minn fuq il-moll u jmiss ir-rampa tal-vapur. Dak in-nhar hadu l-‘*crane’* minghand is-socjeta The Cargo Handling sabiex ighabbuh wara li din is-socjeta gabet il-‘*crane’* mar-rampa. Dak il-hin it-*tally* clerk ighamel *tally* sabiex dan id-dokument jikkonferma l-*hand over* minghand is-socjeta The Cargo Handling ghal ghandhom. F’dan il-kaz saret il-*joint tally*, billi huma ffirmaw it-*tally sheet tal-* Cargo Handling u r-rapprezentati tas-socjeta The Cargo Handling ghamlu l-istess kif jirrizulta mid-Dok. X esebit fl-atti datat 10 ta’ Jannar 2001 (fol. 37) . Minn esami ta’ dan id-dokument jirrizulta li hemm rimarka ta’ importanza u cioe li l-‘*outrigger flaps’* kienu neqsin’.

B’hekk dan ix-xhud li kien prezenti meta tghabba l-‘crane’ ikkonferma li l-*crane* kellu dawn il-*parts* neqsin. Mistoqsi f’hiex jikkonsistu dawn il-*parts* neqsin ighid li ma jafx ghaliex ma tantx ta kaz ghalkemm ikkonferma dak li hemm miktub fit-tally sheet. Bil-kelma ‘flap’ jifhem il-kelma ‘*slipper’.* Ghalhekk ikkonferma li mhux l-‘*outriggesr’* kienu nieqsa izda is-‘*slipper*’ il-bicca ta’ taht l-‘*outriggers’* biss.

In kontro-ezami kkonferma li ma kienx hu li kiteb fuq it-‘*tally sheet’ i*zda it-‘*tallyclerk’*

**Leslie Smith** prodott mill-atturi nhar id-29 ta' Jannar 2004 jghid li huwa impjega bhala shipping clerk mas-socjeta MIS limited. Hu huwa inkarigat sabiex jiehu hsieb l-esportazzjoni ta' merkanzija u sabiex ighaddi l-karti tad-Dwana. Qal li meta dan il-'crane' kien lest biex jigi xxipjat huwa informa lis-socjeta Emmanuel Vella dwar dan sabiex tibghat raprezentant taghha sabiex ighabbu l-'*crane' min*n Hal Far ghax-Xatt.

Ikkonferma li ghaddew il- 'crane' lis-socjeta Emmanuel Vella u kkonferma li meta dan il-'crane' gie mehud ix-Xatt dan kellu l-'*Elephant feet* ' tieghu mwahla fuqu. Stqarr li dan kien pparkjat hdejn it-tarag tal-ufficcini tad-Dwana meta kien ix-Xatt . Huwa sar jaf li dawn l-'*Elephant Feet'* insterqu tramite Sullivan Shipping minghand certu Gordon Gallea, meta qallu li nhar l-10 ta' Ottubru dawn l-'*Elephant Feet'* ma kienux hemm izjed. Huwa ghalhekk mar ix-Xatt u personalment kkonferma li r-rapport illi kien ghamillu Gordon Galea kien minnu. Huwa ghalhekk ha xi ritratti u baghtuhom lis-socjeta assikuratrici taghhom.

Ikkonferma li huwa kien prezenti kemm meta l-'crane' tghabba fuq trailer minn Hal Far mis-socjeta Emmanuel Vella kif ukoll meta gie mehud ix-Xatt u dawn l-'*Elephant Feet'* kienu hemm. Qal li biex jitnehhew dawn l-'*Elephant Feet'* mhemmx bzonn li l-'*outriggers*' jigu estizi kull ma irid isir huwa it-tnehhija tal-'*pins'.*

Illi nhar is-6 ta' Mejju 2004 is-socjeta attrici bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tas-assikurat taghha Manufacturing & Industrial Services Limited assumiet fil-vesti taghha ta' l-attur l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi minflok is-socjeta 'Elmo Insurance Agency Limited' bhala rappresentant tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc.

**Herbert Naudi** prodott mill-atturi xehed nhar l-20 ta' Mejju 2004 u kkonferma li huwa kien il-persuna li ghamel it-'*tally sheet'* dokument X a fol*. 37* tal-attti processwali u qal li dak in-nhar li gie mghobbi il-'*crane*' tad-ditta '*Coles*' huwa kien innota li l-'*outrigger flaps'* kienu neqsin u kien

ghalhekk li kiteb din ir-rimarka fuq id-dokument X, u li dan kien proprju f'dak il-hin meta l-merkanzija tkun tiela' mix-Xatt ghal fuq il-vapur. Huwa kien imqabbad mill-agenti tal-vapur u cioe mis-socjeta Sullivan Shipping Agency.

Qal li fuq it-'*tally sheet'* miktuba minnu dok X hemm il-firma tar-rapprezentat tal-Cargo Handling u fuq it-'*tally sheet'* mghamula mill-Cargo Handling hemm il-firma tieghu. Qal li vera z-zewg dokumenti suppost ghandhom jkollhom l-istess haga miktuba, ghaliex il-merkanzija giet ezaminata minnhom it-tnejn flimkien u cioe kemm mir-rapprezentant tal-Cargo Handling kif ukoll mir-rapprezentat tas-socjeta Sullivan Shipping Agency pero jidher li r-rappresentant tas-socjeta cargo Handling ma dehrlux li kellu jikteb il-kumment li kiteb fuq it-tally sheet tieghu. Qal illi l-firma tieghu fuq it-'tally sheet tal-Cargo Handling tfisser sic et simplicite li ra l-merkanzija tiela fuq il-vapur. Ir-rimarki jiktibhom fuq it-tally sheet tieghu u jekk irid ir-rapprezentant tal-Cargo Handling ighamel l-istess pero spetta lilu li jikteb dak li jrid – id-dokument huwa tieghu.

Illi nhar l-20 ta' Mejju 2004 is-socjeta konvenuta pprezentat permezz ta' nota fir-registru ta' din il-Qorti il-'*joint tally sheet'* li giet markata bhala dok. AMB1 (fol.55)

Nhar l-20 ta' Jannar 2005 xehed **Jonathon Vella** prodott mill-atturi u qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' Financial Controller mas-socjeta Emmanuel Vella & Sons u qal li kull ma jaf fuq il-kaz huwa li zewg impjegati tas-socjeta minnu raprezentata kienu trasportaw '*crane'* fuq struzjonijiet tal-klijent u li kienu ghamlu dikjarazzjoni quddiemu li huma kienu hallew il-'crane' li gabru minn Hal Far fl-istes kundizzjoni li gabruh ix-Xatt. Qal illi sussegwentement meta marru biex jikkonsenjawh ghal fuq il-vapur, dawn iddikjaraw li l-'crane' ma kellux l-'*Elephant Feet* ' tieghu. Huwa gharaf din id-dikjarazjoni bhala dik esebita fl-atti a fol. 15 markata bhala dok. JA1.

**Emmanuel Barbara** prodott mill-atturi xehed nhar l-20 ta' Jannar 2005 ikkonferma li meta ghabbew il-'crane'dan kellu l-'outriggers' imwahla mieghu. Spjega li bl-'Elephant

Feet' jifhem il-plattini li jehlu mal-'outriggers' biex meta l-crane iserrah ma l-art iserrah fuqhom. Ikkonferma ukoll li sabiex tnehhi dawn l-'Elephant Feet' ma tantx trid tahdem huwa facli hafna u spjega l-manjera sabiex dan isir.

**Joseph Piccinino** prodott mis-socjeta konvenuta ighid illi huwa jokkupa l-kariga ta' Quay Superintendent fuq il-moll. Spjega li l-Cargo Handling topera zewg mollijiet u wiehed minnhom huwa id-Deep Water Key fejn sehh dan il-kaz. Jghid li dan il-moll huwa sorveljat minn rapprezentant tad-Dwana kif ukoll minn impjegati tal-Awtorita Marittma waqt li ikun hemm ukoll rapprezentanti tal-Cargo Handling li jghamlu spezzjoni tal-merkanzija li tkun hierga anzi ppreciza li fil-gate li jipprovdi d-dhul fuq il-moll jkun hemm rapprezentanti tal-Awtorita tal-Marittmu u mhux tad Dwana.

Spjega l-procedura li intuzat sabiex tigi esportata l-merkanzija in kwistjoni billi l-esportatur ipprepara id-dokumentazzjoni kemm ghall-Cargo Handling kif ukoll ghad-Dwana. Wara din l-istess dokumentazzjoni tghaddi fuq fl-ufficini ta' gewwa u xoghol ir-rapprezentant tal-Cargo Handling huwa li jivverifika illi dak li jkun deskritt fid-dokumenti ikun effettivament ser jigi esportat. Din hi l-procedura ta' kuljum .Issa f'dan il-kaz peress illi jittratta fuq 'crane' ir-rapprezentant tal-Cargo Handling ma joqghodx jiccekja kull parti minnu izda jigi trattat bhala unit wiehed fl-istat li jkun.

Ikkonferma li f'dan il-kaz waqt l-operazzjoni ta' l-esportazzjoni ta' dan il-'crane' kienet qamet mill-ewwel il-kwistjoni tan-nuqqas ta' l-*'Elephant Feet'*. Kemm l-esportatur kif ukoll l-agenti tal-vapur kienu gibdu l-attenzjoni tal-Cargo Handling illi l-'*Elephant Feet'* kienu neqsin.

Illi nhar is-17 ta' Awwissu 2006 is-socjeta attrici pprezentat nota ta' osservazzjonijiet u s-socjeta konvenuta pprezentat in-nota responsiva taghha nhar l-31 ta' Ottubru 2006.

Ikkunsidrat.

Illi il fatti in breve huma is-segwenti:-

Is-socjeta Manufacturing Industrial Services kienet qabdet lis-socjeta Emmanuel Vella & Sons sabiex jiehdu hsieb it-trasbord ta 'crane' fuq truck minn Hal Far sax-Xatt u dan bl-intendiment sabiex wara dan il-'crane' jigi esportat lejn il-Libya abbord vapur li l-agenti tieghu hija s-socjeta Sullivan Shipping agents. Naturalment waqt li il-'crane' kien ix-Xatt dan waqa' that ir-responsabilita tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling. Illi is-socjeta attrici qed issostni li meta dan il-'crane' tghabba minghand is-socjeta attrici dan kellu erba' out riggers jew kif inhuma maghrufa ukoll bhala 'elephant feet' u meta l-istess 'crane' gie imholli ix-Xatt dan l-out riggers kienu hemm ghaliex fil-fatt il-crane kien qed iserrah fuqhom, izda meta effettivament dan il-'crane kien ser jingar fuq il-vapur r-rapprezentant tas-socjeta attrci Manufacturing Industrial Services u r-rappresentant tas-socjeta Sullivan Shipping Agency innotaw li l-erbgha out riggers ma kienux hemm, izda kienu neqsin. Illi is-socjeta attrici imbaghad ghamlet claim mas-socjeta assikuratrici taghha, sabiex tithallas ghal dan in-nuqqas u wara li giet hekk imhalsa minnha s-socjeta assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet li kellha l-istess socjeta Manufacturing Industrial Services kontra s-socjeta konvenuta ghall-ammont kollu ta hamest elef lira maltin (LM5,000).

Illi is-socjeta konvenuta in linea preliminary eccepiet il-preskrizzjoni ta sena kif propost fl-artikolu 65 tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti.

**65. "***Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra , ma tista tittiehed ebd azzjoni kontra l-Awtorita jew kuntrattur dwar ir-responsabilitajiet taghhom taht dan l-Att jew ghal xi telf jew hsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oggetti, vetturi jew hwejjeg ohra huma x'inhuma* ***abbord bastiment*** *kemm il-darba-*

*(a) Talba bil-miktub, li taghti dawk il-partikolaritajiet li jistghu jkunu b'mod xieraq mehtiega, ma tinghatax lill-Awtorita' jew lill-kuntrattur, skond il-kaz, mhux*

*iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oggetti kienu accettati mill-Awtorita jew mill-kuntrattur;*

*(b) L-azzjoni ma tinbedix fi zmien tnax-il xahar mill-imsemmija data.*

*Izda l-Awtorita jew il-kuntrattur, skond il-kaz jista jestendi z-zmien specifikat fil-paragrafu (a) b'dak iz-zmien l-iehor ta' mhux izjed minn sitt shur li jidhrilha xieraq jekk ikun sodisfatta li t-talba ma setghetx issir b'mod xieraq fi zmien specifikat kif intqal qabel*

*Izda ukoll l-Awtorita jew il-kuntrattur, skond il-kaz, ma jkunx responsabbli ghal aktar mill-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b'ligi, jew f'dawk ic-cirkostanzi li jistghu jkunu preskritti. "*

Illi minn ezami minn din is-siposizjoni tal-ligi jirrisulta minnfih li dina tapplika **biss** *ghal xi telf jew hsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oggetti, vetturi jew hwejjeg ohra huma x'inhuma* ***abbord bastiment .*** Issa f'dan il-kaz jirrisulta li d-danni li qed jigu reklamati jikkoncernaw it-tehid ta' erba' out riggers minn fuq 'crane' li kien sorgut ix-Xatt war lid an ittiehed hemm mghobbi fuq truch minn fabbrika Hal Ferh. Fl-ebda hin tat-tragitt tieghu ma l-'crane' mess xi bastiment.

Ghalhekk tali disposizzjoni tal-ligi zgur li ma tapplikax ghal kaz in ezami u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta qieghda tigi respinta.

Dwar il-mertu s-socjeta konvenuta qieghda ssostni li s-socjeta attrici naqset li tipprova sal grad rikjest mill-ligi li l-allegati nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija de quo kienet that il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta konvenuta u li l-istess merkanzija giet konsenjata lilha b'dawn l-istess nuqqasijiet.

Ghal kuntrarju is-socjeta attrici ssostni li l-erba' 'elephant feet' gew mehuda minn fuq il-'crane'waqt li l-istess 'crane' kien that il-kontroll effettiv tas-socjeta konvenuta. Is-

socjeta atrici resqet diversi xhieda sabiex tipprova dan il-fatt.

Joseph Axiaq prodott mill-attur fix-xhieda tieghu jghid li l-crane telaq minn Hal Ferh mghobbi fuq truck b’hames saqajn f’posthom. nizel ix-Xatt il-vapur kien ghadu ma wasalx Malta u ghalhekk halla it-trailer bil-‘*crane*’ fuqu x-Xatt u nizel l-ghada filghodu biex itella’ it-trailer bil-‘*crane*’ fuq il-vapur.

Meta il-kuntrattur nizel ix-xatt l-ghada minnufih cempel lis-socjeta attrici biex jinfurmaha li l-erba’ ‘Elephant Feet’ tal-‘crane’ kienu gew misruqa.  Spjega li l-‘crane thalla mghobbi fuq it-trailer sabiex l-ghada jitghabba mill-kuntrattur ghal fuq il-vapur.  GAra pero li l-ghada cempilli xi rappresentant tas-socjeta Emmanuel Vella & Sons u qallu li lerba’ ‘elephant feet ‘ ma kienu ghadhom hemm iwahla mal-‘crane’.Huwa ghalhekk abbazi ta’ dan ir-rapport nizel ix-Xatt flimkien ma kollega tieghu certu leslie Smith u kkonferma r-rapport li sarlu.  Huma ghalhekk irraportaw il-kaz lis-socjeta konvenuta The Cargo Handling.

Leslie Smith jikkonferma li huwa nizel ix-Xatt biex jara l-‘crane’ u qal illi meta l-‘crane telaq’ mill-fabbrika fejn fuqu sar ix-xogholijiet ta’ reparazzjoni  dan telaq b’mod regolari u cioe  bl-‘elephant feet’ imwahla.  Minn dan huwa cert ghaliex kien prezenti waqt li l-‘crane’ tghabba’ fuq it-trailer ta’ l-burdnar u kien ukoll il-port fejn effettivament gie imholli t-trailer. Meta l-ghada huwa mar sabiex jivverfika ir-rapport li kellu sab li l-‘elephant feet’ kienu neqsin.

Emmanuel Barbara il-burdnar ukoll jikkonferma li meta ghabba it-trailer bil-crane kien ra l-erba’ ‘elephant feet imwahla.   Victor Felice impjegat iehor ta-socjeta Emmanuel Vella & Sons ukoll jikkonferma li meta tghabba il-‘crane l-‘elephant feet’ kienu hemm imwahla u baqghu hemm sakemm il-‘crane gie konsenjat lid-dirigenti tax-Xatt.

Gordon Galea impjegat tas-socjeta Sullivan Shipping Agency Limited ukoll jikkonferma li meta it-trailer gie biex

jighabba mix-xatt ghal fuq il-vapur dan kellu l-‘elephant feet’ neqsin u kien ghalhekk li Herbert Naudi kiteb in-notament li kiteb fit-tally sheet iffirmata minnu u minn rappresentat tas-socjeta konvenuta (Dok. X) Fuq dan id-dokument hemm indikat notament li l-‘out riggers’ kienu neqsin. Stqarr li huwa dak in-nhar kien ra l-crane de viso.

Herbert Naudi mpjegat tas-socjeta Sullivan Shipping Agency Ltd ikkonferma id-dok. X u kkonferma li din in-nota giet miktuba minnu wara li ezamina il-‘crane’ in kwistjoni hu stess personalment. Spjega li dak in-nhar saru zewg tally sheets wahda minnu bhala rapprezentat tas-socjeta Sullivan Shipping Agency Limited u l-ohra mis-socjeta konvenuta. Qal li verament fuq it-tally sheet tas-socjeta konvenuta ma hemmx dik in-notament li hemm fuq tieghu pero qal li huwa iffirma dan id-dokument tas-socjetakonvenuta bhala prova li it-tally clerk tas-socjeta konvenuta kien prezenti u ma iffirmahiex ghaliex qabel mal-kontenut taghha. Qal li kien fl-interess tieghu li jikteb ir-rimarka li kiteb fuq il-kopja tat-tally sheet tieghu stante li l-merkanzija kienet ghall-esportazzjoni. Qal li pero tant dak li kiteb fuq it-tally sheet tieghu huwa veru li r-rappresentant tas-socjeta konvenuta iffirmahielu.

Jirrizulta li z-zewg dokumenti qieghdin jiriflettu sitwazzjoni differenti ghaliex filwaqt li t-tally sheet redatta mis-socjeta Sullivan Shipping Agency tikkonferma it-tesi tas-socjeta attrici , dik tas-socjeta konvenuta hija nieqsa minn kull spjegazzjoni. Illi pero dik tas-socjeta Sulllivan Shipping Agency hija iffirmata minn rappresentant tas-socjeta konvenuta, u l-istess socjeta konvenuta qatt ma kkontestat il-vertenza ta’ dan id-dokument.

Fuq il-valur probatorju ta’ dawn id-dokumenti, il-kazistika taghna ta’ dawn l-ahhar snin hi abbondanti, kif ahjar ezemplifikat fl-estratti minn dawn is-sentenza:-

1. “*Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decisivi (f’dan il-kaz kien hemm ukoll il-gate pass out) u li jorbtu l-partijiet kollha tal-kawa, li ghandhom l-opportunita’ li f’waqtha, ‘tempo vergine’, li jikkontrollaw u jipprecisaw ir-registrazzjoi ta’ l-istat ta’ fatt”.* **Michael Gatt**

**noe vs l-Avukat Philip Sciberras noe** Appel Kummercjali 20 ta' Apil 1995. **David Curmi noe vs Carmelo Mallia et noe et,** Appel Kummercjali 6 ta' Gunju 1995.

2. "*Dawn id-dokumenti kienu jikkostitwixxu prova li joholqu preseunzjoni juris tantum tal-korrettezza tal-kontenut taghhom….sakemm ma jkux hemm provi ohra serji u precizi li jindikaw il-kuntrarju.* **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs John E. Sullivan et noe** Appell sede Inferjuri 16 ta' Dicembru 1993, **Noel Ellul noe vs James Gollcher et noe et** Appell 12 ta' April 1999".

3. "*Jibqa l-fatt pero li meta c-cirkostanzi jkunu tali li l-Qorti tkun konvinta li ma kienux jirriflettu r-realta ghax ikunu zmentiti minn provi ohra fil-process il-Qorti ghandha tiskarthom"* ***Avv. Dottor Giovanni Griscti noe vs John Cooper et noe et*** Appell 19 ta' Mejju 2000***,*** **Avv Dottor Robert Staines noe vs Commendatore Silvio Mifsud et noe et** Appell, 19 ta'Mejju 2000.

Bhala provi li jsostnu d-difiza tas-socjeta konvenuta, is-socjeta konvenuta resqet lil Joseph Pullicino, Supretendent tal-Quay li ikkonferma li f'dan il-kaz waqt l-operazzjoni ta' l-esportazzjoni ta' dan il-'crane' kienet qamet mill-ewwel il-kwistjoni tan-nuqqas ta' l-*'Elephant Feet'*. Ex admisses ighid li :-" *Kemm l-esportatur kif ukoll l-agenti tal-vapur kienu gibdu l-attenzjoni tal-Cargo Handling illi l-'Elephant Feet' kienu neqsin".*Jghid ukoll pero li una volta l-merkanzija tigi depositata fix-xatt u tghaddi fil-kontrol tas-socjeta konvenuta allura r-reposabilita tal-merkanzija taqa' f'idejha ukoll.

Illi s-soceta konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid li s-socjeta konvenuta m'ghandhiex titqies bhala d-depositarju tas-socjeta attrici ghaliex in effetti l-merkanzija in kwistjoni qatt ma ghaddiet fil-pusess u kontroll fiziku ta' l-istess kuntrattur ghaliex l-inkartament necessarju kif titlob il-ligi u l-istivar tal-merkanzija ma sarx skond l-istruzzjonijiet tal-kuntrattur.

Evalwati l-provi fil-kaz in ezami u hekk rikorrenti f'bosta kazijiet ohra, din il-Qorti thoss li s-socjeta attrici gabet provi sodisfacenti biex tistabilixxi illi d-danni jew nuqqasijiet sehhew waqt li l-'crane'kien fil-pusess tas-socjeta konvenuta.

Illi s-socjeta konvenuta oltre il-linja difensjonali li ma kienitx responsabli ghad-danni/nuqqasijiet issolevat fin-nota ta sottomissjoni taghha li ghalija qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi darba l-merkanzija kienet meqjusa. Jigi rilevat li l-pretensjoni taht ir-regolamenti tal-Port 1966 u appuntu Artikolu 90 u skeda 13 fir-rigward ta' merkanzija mahzuna fil-berah 'at sole risk of owner' giet ridimensjonata u definita bhala mhux applikabbli ghal kazijiet in esami **Leslie Causon noe vs Godwin Abela noe**, Appell, 6 ta' Gunju 2000. Bhala depositarja din is-socjeta, qua kuntrattur portwali, kellha l-obligu li fil-kustodja tal-kariku taht depozitu tiehu hsieb daqs kemm tiehu fil-kustodja ta' hwejjigha (Artikolu 1899 tal-Kodici Civili kwotat mill-istess socjeta konvenuta fin-nota taghha). Ragonevolment kien ghalhekk mistenni li thares l-istess kariku minn kull hsara li jista jigrilu. In oltre jigi dikjarat li l-artikoli tal-Port Regulations ma jezumux is-socjeta konevnuta mir-responsabilita taghha ghaliex il-fatt li l-merkanzija hija meqjusa bhala unit ma jfissirx li s-socjeta konvenuta tista impunement tikkonsenja crane zarmat minn certu accessorji soliti taghhom. **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Neville Mifsud et noe et** Qorti tal-kummerc 12 ta' Ottubru 1995.

In kwantu ghall-amont ta' Danni reklamat ma jirrizultax li dan gie kontestat mis-socjeta konvenuta li fil-verita opponiet ruhha biex topponi t-talba ghaliex qalet li l-ammont pretiz huwa esagerat. Illi pero in sostern ta' din l-allegazzjoni esagerazzjoni hija ma resqet ebda prova kuntrarja ghal dik imresq mis-socjeta dwar l-valur ta' dawn l-erba' 'Elephant feet'. Il-Qorti tosserva li m'ghandux jigi prezunt illi s-socjeta ssikuratrici thallas leggerment danni reklamati minnha u l-Qorti tifhem lit kun ghamlet dan wara id-debita verifika.

Minn esami ta’ l-atti jirrizulta appuntu minn dok JA6 esebit a fol. 26 li l-valur tal-erba’ ‘elephant feet’ huwa dak reklamat mis-socjeta attrici fl-avviz taghha u li effettivament halset lil assikurat taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tiddikara li s-socjeta konvenuta The Cargo Handling hija responsabbli ghan-nuqqas subit mis-socjeta attrici surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Manufaturing Industrial Services Limited u ghalhekk tikkundannaha thallas is-somma indikata fl-avviz ta hamest elef lira maltin (LM5,000) filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz lis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------